# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.19

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR IL-PROGRAMMI TA' *PHONE-INS* IMXANDRA FUQ IL-MEZZI TAX-XANDIR

22 ta' Marzu, 2007

*L-AVVIŻ LEGALI 262 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar il-Programmi ta' *Phone-Ins* imxandra fuq il-Mezzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2 L-Awtorità tax-Xandir tirikonoxxi illi l-programmi dwar *phone-ins* qed jikkontribwixxu biex jagħtu leħen lill-poplu u f'dan il-kuntest jista' jingħad li l-mezzi tax-xandir qed iservu skop demokratiku in kwantu l-poplu qed jingħata l-opportunità li jesprimi l-opinjjonijiet tiegħu. Għalhekk, dawn it-tip ta' programmi huma importanti peress li jikkontribwixxu għall-eżerċizzju tal-libertà ta' l-espressjoni skond l-artikolu 11(1)(*a*) ta' l-Att dwar ix-Xandir.

1.3 Mill-banda l-oħra, kull dritt iġib miegħu ċerti obbligi u għalkemm fejn tidħol l-espressjoni politika għandu jkun hemm aktar tolleranza għal opinjonijiet li, fi kliem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, "*offend, shock and disturb*", dejjem hemm dawk il-każijiet fejn l-istess libertà ta' l-espressjoni teħtieġ li tiġi kkontrollata. F'dan il-kuntest hemm l-artikolu 13(2)(*a*) tal-Att dwar ix-Xandir li jipprovdi illi l-Awtorità għandha tiżgura li ma jiddaħħal xejn fil-programm li joffendi l-:

> "gosti tajbin jew id-deċenza jew li x'aktarx jinkoraġġixxi jew iħajjar għall-kriminalità jew iwassal għal diżordni jew ikun offensiv għal setimenti pubbliċi".

**2.** Ħtiġiet

2.1 Peress li l-maġġor parti tal-*phone-in programmes* jiġu mxandra dirett u ma jkunux rekordjati, l-istazzjon konċernat irid joqgħod attent ħafna li s-semmiegħa jew it-telespettaturi li jċemplu u jitkellmu *live* ma jiksru l-ebda disposizzjoni tal-liġi (tkun liema tkun) jew li jużaw lingwaġġ li jmur lil hinn mill-gosti tajba u mid-deċenza.

2.2 Meta l-programm in kwistjoni jixxandar qabel id-disgħa ta' filgħaxija fejn t-tfal ikunu qed jisimgħu u/jew jaraw il-programm in kwistjoni għandha ssir aktar attenzjoni mill-preżentatur għall-użu ta' ċertu kliem sabiex il-lingwaġġ li jintuża jkun wieħed addattat ukoll għal udjenza magħmula mit-tfal.

2.3 Sabiex kemm jista' jkun jiġi minimizzat ir-riskju li jixxandru kliem li jiksru xi disposizzjoni tal-liġi, l-istazzjon konċernat għandu jiżgura li l-preżentatur ikun jaf sew x'tipprovdi l-liġi u jkun midħla sew tad-direttivi li tagħti minn żmien għal żmien l-Awtorità tax-Xandir dwar il-programmi in ġenerali u dwar *phone-in programmes* b'mod partikolari. Huwa b'dan il-mod li l-preżentatur ikun jista' joħroġ il-programm minn sitwazzjoni diffiċli b'ħeffa u ukoll b'mod edukat.

2.4 Kliem offensiv, vulgari, baxx, oxxen, li jinsulenta, mibni fuq it-tagħjir, tkeskis, malafamanti, inġurjuż, jew b'xi mod li jikkontribwixxi biex jiddeġenera l-programm għandu jiġi evitat kemm mis-semmiegħa jew mit-telespettaturi u kemm mill-preżentatur.

2.5 Il-preżentatur għandu jiżgura ruħu illi jekk xi semmiegħ jew telespettatur juża kliem offensiv, eċċ., fil-konfront tiegħu, dan il-preżentatur qatt m'għandu jirrispondi lis-semmiegħa jew lit-telespettaturi billi jgħajru lura huwa wkoll.

2.6 Apparti dak li ingħad hawn fuq, meta l-programm jippermetti *phone-ins* diretti għandhom dejjem jiġu segwiti dawn ir-regoli:

i. Kull min jitlob li jitkellem waqt programm għandu jagħti lill-istazzjon l-isem, il-kunjom u in-numru ta' l-*ID Card* tiegħu jew tagħha.

ii. Il-preżentatur għandu minn ħin għal ħin u ċertament qabel ma jiftaħ il-linja għat-telefonati jfakkar lis-semmiegħa u lit-telespettaturi dwar il-lingwaġġ li jrid jintuża fuq il-mezzi tax-xandir u f'każ li jintuża dan il-kliem għandu jiġi użat id-*delay mechanism*.

iii. Il-preżentatur għandu jiżgura li allegazzjonijiet u xniegħat malizzjużi kontra terzi persuni ma jixxandrux.

iv. Il-preżentatur għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh illi x-xandir huwa ta' influenza qawwija fuq is-soċjetà u għalhekk għandu jiżgura ruħu li waqt l-intervisti li jsiru mas-semmiegħa permezz tat-telefon jintuża lingwaġġ deċenti li jgħolli l-livell tal-programmi għall-benefiċċju tal-konsumatur.

v. L-istazzjon għandu jipprovdi rimedju immedjat fi forma ta' dritt ta' risposta għal dawk it-terzi persuni li jħossuhom li ġew malafamati jew inġurjati. Din tapplika b'mod partikolari għal dawk il-persuni li mhumiex Membri Parlamentari jew persuni li jokkupaw kariga pubblika.

2.7 L-Awtorità twissi illi jekk ikun hemm kontravenzjoni ta' dawn il-ħtiġiet hija ma tippermettix il-programm li jkun kisirhom li jixxandar għal ġurnata jew aktar.